MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VINCENT GALEA

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2013

Talba Numru. 297/2013

**GO p.l.c.**

**Vs**

**Jade COSAITIS [ID. Nru. 466185M]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fil-15 ta' Mejju, 2013** u li permezz taghha talbet lill-intimata thallasha s-somma ta' seba' mija u erba' euro u erbghin ċenteżmu ta' euro [€704.40c] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Illi l-konvenuta ghandha thallas lis-socjeta attriċi s-somma ta' seba' mija u erbgha ewro u erbghin ċenteżmi (€704.40c) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C 51088520 moghtija mis-socjeta attriċi skont l-annessi dokumenti mmarkati Dok IZY 1 u Dok IZY 2 – prospett u ftehim ghall-akkont relattiv u Dok IZY 3 – estratt mir-

Registru Elettorali, u Dok IZY 4 – kopja ta' ittra uffiċjali a tenur ta' l-artikolu 166A tal-Kapitolu 12.

Illi l-konvenuta ġiet nterpellata sabiex thallas iżda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni".

Ra li l-intimata ġiet debitament notifikata fid-29 ta' Mejju, 2013 u li fis-seduta tat-12 ta' Gunju, 2013 hija ntavolat nota li permezz taghha ammettiet it-talbiet kif dedotti.

Fic-cirkostanzi t-Tribunal ma ghandux triq ohra ghajr li jilqa t-talbiet tas-socjeta rikorrenti in vista ta' din l-ammissjoni.

GHALDAQSTANT it-Tribunal qieghed jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti u jikkundanna lill-intimata thallas is-somma ta' seba' mija u erba' euro u erbghin ċenteżmu ta' euro (€704.40c) lis-socjeta rikorrenti bl-imghaxijiet fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mit-2 ta' Ottubru, 2012, data ta' l-ittra uffiċjali numru 2246/12.

L-ispejjez ghandhom jiġu sopportati fl-intier mill-intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------